II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1146/2013

## tal-5 ta' Novembru 2013

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Cebolla Fuentes de Ebro (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni ta' Spanja biex id-denominazzjoni "Cebolla Fuentes de Ebro" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(3) Ma ġiet innotifikata l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru°510/2006, id-denominazzjoni "Cebolla Fuentes de Ebro" għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija rreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([3]) ĠU C 375, 5.12.2012, p. 18.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati**

SPANJA

Cebolla Fuentes de Ebro (DPO)